**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 8 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1364/01 AJD**

**P. Cutajar & Co. Ltd.**

**vs**

**Maria Muscat**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500.00) rappresentanti parti minn somma akbar ta' prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija rrespengiet it-talba attrici bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt billi m'huwiex minnu li hi xtrat xi oggetti minghand is-socjeta' attrici u ghaldaqstant il-konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittrici fil-konfront tas-socjeta' attrici u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, inkluzi dawk ghall-ittri bonarji datati 3 ta' Awissu u 14 ta' Novembru, 2001.

Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-konvenuta, ta' Vanessa Calleja u ta' Karim Taj.

Sema' x-xhieda ta' Gunther Micallef Decesare u tal-konvenuta Maria Muscat.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi fl-Avviz tat-Talba s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) rapprezentanti parti minn somma akbar ta' prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lilha mill-istess socjeta' attrici.

2. Illi l-konvenuta eccepiet li hija m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li l-oggetti li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-prezz ma gewx mibjugha lilha imma lil certu Renga Subbiah.

3. Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet irrizulta inekwivokabilment li l-apparat fotografiku effettivament inbiegh lil dan Renga Subbiah. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-konvenuta kif ukoll mix-xhieda ta' Gunther Micallef Decesare ir-rappresentant tas-socjeta' attrici.

4. Illi s-socjeta' attrici tul l-andament tal-kawza allegat li l-ammont in kwistjoni kien dovut mill-konvenuta fil-kwalita' taghha ta' garanti ta' Renga Subbiah. Gunther Micallef Decesare fil-fatt jghid li meta Renga Subbiah mar sabiex jixtri l-apparat fotografiku huwa kien spjegalu li s-socjeta' attrici qed tirrikjedi li persuna ta' nazzjonalita' Maltija kellha taghti garanzija ghall-kreditu li kien ser jinghata lilu mis-socjeta' attrici. Dejjem skond dan ix-xhud, huwa kien spjega lill-konvenuta li hija kienet ser ikollha taghmel tajjeb ghall-ammont moghti lil Renga Subbiah fl-eventwalita' li dan tal-ahhar ma jhallasx.

5. Illi jidher car li d-dicitura tal-avviz tat-talba ma tirriflettix il-fatti kif esposti mis-socjeta' attrici tul l-andament tal-kawza. L-Artikolu 213 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:-

*"Fl-ewwel grad fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun jigi hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni".*

6. Illi fil-fehma tat-Tribunal, ai termini ta' dan l-Artikolu, huwa jista' jiddeciedi dwar il-kwistjoni jekk il-konvenuta kienitx dahlet garanti o meno ghad-dejn ta' Renga mas-socjeta' attrici.

7.  Illi l-Artikolu 1233 tal-Kap. 16 jipprovdi li garanzija trid issir b'att pubbliku jew b'kitba privata sabiex tkun valida.  Dan ma sarx fil-kaz odjern u fil-fatt kemm Gunther Micallef Decesare kif ukoll il-konvenuta t-tnejn ikkonfermaw li l-'credit application form' ma gietx iffirmata mill-konvenuta u ghalhekk l-istess konvenuta ma tistax tigi ritenuta bhala garanti.  Il-provizjoni tal-ligi f'dan ir-rigward hija cara u kwalsiasi ftehim verbali li seta' sar bejn il-partijiet f'dan is-sens huwa null.  L-anqas m'ghandu rilevanza l-fatt li s-socjeta' attrici kellha fil-pussess taghha fotokopja tal-karta tal-identita' tal-attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-istess socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**